MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 216/2011

**Appell Nru. 216/2011**

**Il-Pulizija
Vs
Mary Grace Buhagiar**

**Illum 14 ta' Novembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti [detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 102466 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Ottubru 2010, Novembru 2010, Dicembru 2010 u Jannar

2011, meta hekk ordnata minn xi Qorti jew marbuta b'kuntratt naqset li taghti lil Joseph Buhagiar u/jew lil uliedha s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalih u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Mejju, 2011, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z), 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjoni kif dedotta w ikkundannataha ghal xahar prigunerija sospiza ghal sena a tenur tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9.

Inoltre, l-qorti ordnat lil Mary Grace Buhagiar sabiex fi zmien tlett (3) xhur thallas is-somma ta' seba` mija w ghoxrin Euro (€720) lil Joseph Buhagiar, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-6 ta' Mejju, 2011, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w dan billi tillibera lill-appellanti minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok, tajjeb jinghad illi b'effett ta' l-Avviz Legali 397 ta' l-2003, l-imsemmi Joseph Buhagiar ma setax aktar jinforza d-digriet fuq imsemmi tat-30 ta' Settembru 2010. Fil-fatt, jekk verament dan id-digriet inghata fit-30 ta' Settembru 2010 y mhux fl-2011, kif jindika n-numru stess tieghu, dan l-istess digriet kien issa waqa` bl-gheluq taz-zmien ta' xahrejn, u dan propju ghax l-istess Joseph Buhagiar ma mexiex skond kif irid artikolu 7 tal-istess avviz legali, u m'ghamilx kawza sabiex ihalli fis-sehh dak

id-digriet fi zmien xahrejn minn mindu l-Qorti awtorizzat lill-istess Joseph Buhagiar sabiex jipprocedi b'kawza.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u f'kull kaz, l-appellanti ma kinitx ghad fadlilha ghad-disposizzjoni taghha r-rimedju illi titlob ir-revoka *contrario imperio* ta' dak id-digriet, ghaliex meta hi giet notifikata bid-digriet (fid-19 ta' Jannar 2011) – (u meta effettivament id-digriet sar disponibbli ghall-pubbliku fir-Registru tal-Qorti), id-digriet kien diga` waqa` biz-zmien. Dan ghaliex kienu ghaddew xahrejn, u allura kieku l-appellanti kellha taghmel rikors biex tirrevoka *contrario imperio* dan id-digriet, il-Qorti ma kinitx tista` tiehu konjizzjoni ta' dak ir-rikors peress li b'operazzjoni tal-ligi, d-digriet issa kien waqa`.

Illi ghalhekk l-appellanti giet f'sitwazzjoni stramba fejn, bid-digriet li definittivament u b'mod legali ma kienx ghadu aktar validu, issa qed tigi akkuzata talli ma osservatx dan id-digriet – sitwazzjoni anomala ghall-ahhar, fejn il-prosekuzzjoni akkuzatha b'reat allura li ma jezistix – ghaliex jekk id-digriet ma kienx ghadu validu, r-reat ma setax jissussisti !

Illi wiehed ma jistax ma jghid xejn dwar in-nuqqas ta' trasparenza grossolana li bih gie trattat dan ir-rikos (talba ghal manteniment), fejn ghal ben tliet xhur shah ma nghatax digriet, il-partijiet baqghu isaqsu ghal dan id-digriet, u kien biss f'Jannar 2011 illi nghataw informazzjoni mir-Registru illi d-digriet kien inghata f'Settembru 2011! U dan meta z-zewg partijiet, kemm l-appellanti u kemm zewgha, kienu qed jistaqsu ghal dan id-digriet ghal dawn ix-xhur kollha, kif anke jista` jikkonferma l-kwerelant/parte civile nnifsu jekk jixhed skond is-sewwa! Dan anzi huwa punt li qablu fuqu l-partijiet anke quddiem l-Ewwel Qorti. Illi n-nuqqas ta' informazzjoni dwar dan id-digriet ghalhekk, ghamilha fizikament impossibbli anke ghall-istess appellant, illi anke kieku riedet tosserva dan id-digriet, dan ma setghetx taghmlu, ghaliex ma kienx disponibbli ghaliha w ghall-pubbliku in generali qabel Jannar ta' l-2011!

Illi stante li l-imsemmi digriet ma baqax effettiv ghall-istess Qorti li taghtu, qatt ma jista` jkollu konsegwenzi bhala ordni ta' Qorti ai termini ta' l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w dan anke in omagg ghall-principju *"nulla poena sine reus"*, u sa certu punt ukoll, jekk l-ordni tal-Qorti tikkostitwixxi ligi, *"nulla poena sine lege"* – l-appellanti qatt ma setghet tkun tenuta li hija hatja ta' ksur ta' l-artikolu in kwistjoni.

Illi li kieku jigi accettat illi ciononostante illi l-imsemmija ordni tilfet l-effetti kollha taghha ghall-istess Qorti li tkun taghtu, xorta wahda jibqa` inforzabbli mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Kriminali, allura jkun qieghed jinghad illi b'digriet li jinghata fil-mori tal-medjazzjoni u li kjarament huwa mahsub u intiz mill-ligi li jkun provizorju, persuna tibqa` esposta ghal proceduri penali in perpetwita`. Dan zgur ma hux la l-intenzjoni tal-legislatur, u lanqas l-interpretazzjoni korretta ghal ordni ta' Qorti taht l-artikolu 338(z).

Illi kwindi ukoll ladarba si tratta ta' l-interpretazzjoni ta' x'ried il-legislatur bil-kelma "ordni" f'dan l-artikolu, ma jistax jigi argumentat li l-interpretazzjoni li tinghata ghandha tkun kontra l-imputat, semplicement ghaliex tali kelma f'dan l-artikolu mhux ikkawtelata b'mod illi ma jindikax jekk ghandhiex tkun marbuta ma' l-ezekuzzjoni o meno ta' l-ordni quddiem Qorti Civili biss. Dan kollu in konsonzanza tal-principju *in dubio pro reo* izda wkoll minhabba li hawn si tratta ta' drittijiet li huma fundamentali.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi bejn il-partijiet hemm proceduri ta' separazzjoni u b'digriet numru 50/11 mahrug mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja fit-30 ta'Settembru, 2010 l-appellanta giet ordnata tghaddi lil zewgha s-somma ta' €180 ghal kull 4 gimghat. Jidher pero' illi dina naqset illi tghaddi l-pagament dovut ghax-xhur ta' Ottubru, 2010, Novembru 2010, Dicembru 2010 u Jannar 2011 u dan gieghel lil zewgha Joseph Buhagiar jaghmel rapport lill-

pulizija sabiex tipprocedi kontra l-appellanta ghal dan in-nuqqas.

Il-pulizija hekk ghamlet u b'Sentenza moghtija fit-2 ta' Mejju, 2011 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellanta Mary Grace Buhagiar hatja u kkundannata ghal xahar prigunerija sospiza ghal sena a tenur ta' l-Artiklu 28A tal-Kap 9. L-appellanta dehrilha li kienet agravata b'din is-Sentenza u minna nterponiet appell. Pero' fil-mori ta' dawn il-proceduri permezz ta' verbal tat-18 ta' April, 2013, (fol 40) l-avukat tal-parti civili ddikjara li ghal dak li jirrigwrdja l-hlas dovut fuq din ic-citazzjoni ma kienx hemm aktar pretenzjonijiet kontra l-appellanti minn ghand il-parti civili. F'din is-sitwazzjoni ghad li ma taghmilx differenza ghad-dikjarazzjoni ta' htija, jkun il-kaz ta' temperament fil-piena. Fil-fatt fil-kawza Il-Pulizija vs Publius Said tal-25 ta' Settembru, 2003 il-Qorti qalet *"L-iskop tal-legizlatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fin-1983 kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur ta' ordinijiet, digrieti jew Sentenzi tal-Qorti, ordinijiet li ghandhom dejjem jigu osservati skrupolizament, jew il-ksur ta' stipulazzjojijiet kuntrattwali bejn il-konjugi."*

F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena. Din il-Qorti se taghmel propju dan u ghalhekk tilqa l-appell in parti, tikonferma s-Sentenza appellata ghal dak li jirrigwardja d-dikjarazzjoni ta' htija u tvarja l-istess Sentenza fl-ghoti tal-piena fejn minflok tillibera lill-appellanta taht il-kundizzjonijiet ta' l-Artiklu 22 ta' Kap 9 bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------